# TAGHLIM GHAT-TFAL

## DWAR IL-KWIEKEB LI JISTGĦU JIDHRU FIS-SAQAF TAS-SEMA MILL-GŻEJJER TA' MALTA

*(Miktub mir-Rev. C. L. DESSOULLAVY, Ph.D.)*

### 2. XBIHAT ĠEWWA L-HOLQA TA' TRIQET IX-XEMX *(jissokta)*

A. **Rasalgeuze.** Din hija l-kewkba msejħa Castor, dlonk imlaqqma r-*Ras ta' l-ewwel wieħed mit-tewmin*, il-għaliex l-ewwel waħda li titfaċċa hija kewkba bajda.

*B.* (Pollux) hija r-Ras tat-Tieni waħda mit-Tewmin.

D. **Wasat** jew **Wesat.** Il-wistanija jew il-fustanija billi qiegħda fin-nofs tal-grupp.

25. Il-Qabru, imsejħa wkoll il-Ħanfusa ta' l-Ilma

Hemm xebħ fil-leħen bejn il-kelma Ingliża (Tewtonika) *crab*, il-Latina *scarabeus*, il-Griega *karabos*, u l-kelma Semija *għaqrab*, *għakreb* jew *Imqass.* Ara fin-Nru. 29.

A. **Azubene**, id-dwiefer ta' id ċatta. Ara fin-Numri 28 u 29 G. Jisimha wkoll **Sartan**, illi hi kelma Għarbija li tfisser *qabru.*

*B.* **Terf** bħal maltija tarf, kewkba fit-tarf ta' wieħed middifrejn ta' wara G. D.

G. D. **Al Hamarem**, żball fil-kitba ta' l-isem għarbi *al-ħimârajn iż-żewġt, iħmir.* Bejn iż-żewġ kwiekeb hemm għanqud kwiekeb irqaq imsejjaħ **Mellef** u **Malaph**, il-maxtura, xkora (ħorġa ?) li minnha iż-żewġt iħmir qegħdin imaxtru; dil-kelma twieġeb għall-kelma maltija *magħlef.*

26. Il-Ljun bil-għarbi *alasad.*

A. **Kalbeleced**, **Calbalasid.** Bil-għarbi : *qalb al-asid*, qalb il-ljun, bħal *Coeur de lion* fl-isem tar-Re Rikkardu. Imsejħa wkoll xi mindaqqiet *al-maliki* l-istess bħal latin Regulus. Kewkba bajda.

*B.* **Denebola**, **Nebolasid**, **Deneb Eleced**, dawn it-tlitt ismijiet qegħdin kollha biex ifissru *denb il-ljun.*

D. **Ez Zubra**, il-pil, *iż-żajbra*, ukoll **Duhr**, **Dhur**, id-dahar, l-istess bħal 2 A.

E. **Rasalas**, ukoll, **Algenubi** flok *ras al-asad alġenubi*, kewkba n-naħa ta' nofs-in-nhar fir-ras ta' ljun. Il-kelma *ġenebi*

issibha spiss fil-mappi tal-kwiekeb, dejjem bit-tifsira ta' nofs in-nhar. Gejja mill kelma *ġenb*. Mita wieħed iħares lejn il-Lvant, bħal ma jagħmlu l-għarab huma jsellu, nofs-in-nhar ikun in-naħa tal-lemin, mhux il-ġenb-il-ħażin, jiġifieri x-xellug, jew il-ġenb tas-sinistra. Kelma oħra komuni fil-lsien tas-Semin li jgħiduha u biha jfissru nofs-in-nhar hija l-kelma *jemini*, li hija l-maltija *lemin*.

E. **Alashfar**, bil-malti xfar-il-għajnejn.

Z. **Algeiba** jew **Gebha**, din ta' l-aħħar qiegħda flok kelma għarbija li tfisser *ġbin* (il-battismu tar-ras).

Dil-kwekba tissejjaħ ukoll **Aldhafera**, illi iktarx tista' tkun l-istess kelma bħal dik li sibna fin-numru 3.

K. **Minchir Elasad**, jiġifieri mnieħer il-ljun.

27. Xi mindaqqiet imsejħa Eladari (bil-għarbi : *al-għadra*- il-Verġni jew is-Safja, l-alla mara tal-ħaqq u s-sewwa, bil-miżien f'riġlejha, iżda wisq spiss imsejħa bl-isem ta' *Sunbula* jew *subula*, bil-malti *sbula*, bħal kewkba A. (bil-latin *spica*) li qiegħda żżomm f'idejha. Din l-aħħar hija kewkba bajda.

28. Magħrufa bl-isem ta' *al-miżan* bil-malti: *il-miżien*, iżda l-iktar bl-isem ta' *al-kiffatan* jew *żubanajn*, it-tnejn ifissru *keffiet tal-miżien* jigifieri l-platti tal-miżien, iżda s-Semin b'dil-kelma soltu ifissru l-qiegħ jew ħofra ta' l-id, il *kaff* jew *keffef*. Zuban hija il-kelma qadima babiloniża illi fil-Persja tfisser il-lsien, billi ż-żewġ platti jxebbhuhom lil żewġ ilsna.

A. **Zubenalgenubi**, jew **Kiffa Elgenubiya**, it-tnein ifissru l-miżien tan-naħa ta' Nofs-in-nhar.

*B*. **Zubeneschemali**, jiġifieri *il-miżien* tat-Tramuntana. Il-kelma għarbija *Xmiel* (schemali) skond Falzon tfisser *Riħ mit-tramuntana*.

29. Fil-listi din il-kostellazzjoni hija msejħa *Alacrab* u *Ħacrab*, bil-għarbi: *al-għaqrab*, il-għaqreb jew Imqass. Ara fin-Numru 25 ta' hawn fuq.

A. **Calbalakrab**, bil-għarbi *qalb għaqrab*, qalb il-għaqreb. Din hija l-kewkba *Antares*, kewkba kbira ħamranija.

G. **Zuben Hakrabi**, id-dwiefer ċatti ta' l-għaqreb.

D. **Jabhah, Jebban. Jabban**, kollha kemm huma għand-hom tifsira waħda li hija dik ta' *ġbin*. Ara n-numru 26. Z.

L. **Shauka**, xewka. Tissejjaħ *l-ibra*, labra.

30. Din ix-xbieha li tixbaħ ħafna lil dik tan-numru 44. tissejjaħ "il-Qawwâs" jew il-Waddâbi" bil-għarbi, *ar-râmi*, dak li jarmi, iżda spiss tissejjaħ ukoll bl-isem waħdu ta' *al-qaws*, il-qaws.

A. **Ruchbah**, bil-malti *rkobba*, *ir-kobbet il-Qawwâs.*

B. **Arkab**, bil-malti *għarqub*, għarqub il-qawwâs.

E. **Il-Kaws** tan-naħa tat-Tramuntana. Bejn dawn iż-żewġ kwiekeb tinsab kwekba oħra jisimha l-**Qabda** jew **Makbad.**

N. **Ain**, għajn il-Qawwâs.

31. Fil-listi kollha nsibu li din il-kostellazzjoni hija msemmija **Algedi**, il-ġidi jew gidi, hawnhekk mogħża.

A. **Gebah.** Din tidher bħal dic il-kelma l-oħra li hemm fin-numru 29 D, tfisser *ġbin*, iżda mhix ħaġ'oħra ħlief għilt ta' l-istampa u trid tinkiteb **Dabih.** Ara din il-kewkba ta' wara.

B. **Dabih.** Din il-kewkba u ta' qbilha huma msejħin mill-għarab *sagħd ad-dabiħ*, il fortuna jew ir-riżq tad-debbieħ, il-qawma tax-xbieha li tħabbar id-debha jew qatla tal-bhejjem.

G. **Denebalgedi**, denb il-gidi jew denb il-mogħża.

32. Taz-żir jew ta' l-Ilma, dlonk imsejjaħ **Edelu**, bil-malti d-*delu* bit-tifsira ta' kaxxetta magħmula tawwalija għat-tfigħ tal-kamħ. Fil-mappi msemmija wkoll **Satl**, bil-malti *satal.*

A. **Sadalmelik**, bil-għarbi *sagħd al-malik*, ir-riżq tas-Sultan.

B. **Sadalsuud**, bil-għarbi *sagħd al-sugħud*, ir-riżq tar-riżqijiet.

G. **Sadachbia**, bil-għarbi, *sagħd aħbija*, ir-riżq tal-ħwejjeġ moħbija, li jfisser id-dud li jfiġġ mat-tlugħ ta' din ix-xbieha.

D. **Scheat.** Miktuba ħażin flok il-kelma *saq*, bil-malti *sieq.*

E. **Sadalbula**, bil-għarbi *sagħd al-bulagħ*, bil-malti il-belliegħ, ir-riżq tal-belliegħ, l-art li qiegħda tarda' x-xita li taqa' bikri fir-Rebbiegħa. Għal kwiekeb oħra tal-fortuna ara n-numru 19.

33. Il-Hut u Ż-żagarella (iż-żagarella jew ħajt ta' bejn iż-żewġ ħutiet).

A. **Okda** u **Katajn.** Bil-għarbi *għuqad al-ħajtan*, il-għoqda tal-ħjut.

*(Jissokta)* A. C.